**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 286/2019 AGV ;**

**SC**

**v.**

**RC**

**Il-Qorti rat ir-Rikors ta' SC datat 20 ta' Dicembru 2019 fejn** esponiet bir-rispett:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-sena 2007, minn liema żwieġ twieldu żewġt itfal u cioe' DC ta' 20 sena li ma għadux student, u LC ta' 11-il sena;

2. Illi ż-żwieg ta' bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba vjolenza u eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra

validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;

3. Illi fil-fatt prezentement ghaddeja kumpilazzjoni kontra l-konvenut quddiem il-Magistrat Donatella Frendo Dimech dwar akkuzi ta' vjolenza domestika fuq l-esponenti, liema incident sar quddiem it-tifel minuri LC;

4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;

5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 28 ta' Ottubru, 2019 (Ara digriet hawn anness u mmarkat bħala Dok A);

6. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment;

Ighid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;

3. Tordna li l-konvenut jiġi mneħħi mill-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur, ai termini ta' l-Artikolu/i 154 tal-Kodiċi Ċivili, u dan fl-interess suprem tal-minuri;

4. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri LC tkun fdata f'idejn l-esponenti, u sabiex l-esponenti tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-konvenut;

5. Tordna li l-minuri LC ghandu jirresjedi mal-esponenti;

6. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għall-imsemmija wild Liam u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeċidi li jibqa' jistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; filwaqt li tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċji tat-tfal, inkluż imma mhux limitatament, iċ-*children's allowance*, fl-intier tagħhom;

7. Tordna li l-imsemmi manteniment jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjez ta' saħħa u edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari, hrug ta' passaporti u kwalunkwe spejjez ohra ghall-minuri;

8. Tordna lill-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment ghall-esponenti u ghall-minuri;

9. Toħrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta a favur l-esponenti u l-membri tal-familja taghha;

10. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, mhux necessarjament b'mod ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;
12. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.
13. Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;
14. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 1695/2018 GG;
15. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha 'C';
16. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' RC datat 3 ta' Marzu 2020 fejn espona bir-rispett u kkonferma li:-**

1. Dwar l-ewwel talba l-esponenti jirrileva li huwa jaqbel li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-partijiet, izda mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet li ghalihom tahti l-attrici, fosthom abbandun eccessi, sevizzi u ngurji gravi, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Dwar it-tieni talba, l-esponenti jikkontendi li l-attrici tilfet id-dritt taghha li titlobha manteniment ghaliha u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Dwar it-tielet talba, l-esponenti tirrileva li ma hux fl-ahjar interess tal-minuri li l-esponenti jigi svestit mis-setgha ta' genituri, u ghalhekk ghandha tigi michuda.

4. Dwar ir-raba' talba, din ghandha tigi michuda ukoll ghax mhux fl-ahjar interess tal-minuri, u ma jezistux l-estremi biex l-esponenti jiccahhad mil-kura u l-kustodja tal-minuri, illi tajjeb li l-Qorti tkun taf li l-attrici kellha problema ta' droga eroijna fiz-zmien, u ghalhekk li llum tpingi lilha nnifisha bhala minghajr tebgha a detriment tal-esponenti, huwa inaccettabbli u ha jkun mertu ta' dan il-kaz.
5. Dwar il-hames talba, l-esponenti jikkontendi li l-minuri ghandu jirrisjedi mieghu ghax l-attrici mhix genitur idoneju sabiex ikun maghha l-minuri, tant li kienet hi li firdet u kissret familja, holqot cirkostanzi li waslu sabiex l-esponenti jghaddi minn kumpilazzjoni u tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrat, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u sahansitra fil-prezent

qed jistenna sentenza quddiem l-istess Qorti, proceduri messa in scena li minhabba c-cirkostanzi kif zvolgew pregudikaw l-esponenti;

6. Dwar is-sitt talba l-esponenti jirrileva li diga' fil-prezent hemm digriet li jirregola li l-manteniment dovut ghal minuri, pero' dan huwa wiehed li ma jikkunsidrax il-mezzi tal-esponenti, u dana peress li huwa likwidat mod eccessiv, illi in oltre hekk jekk fil-provi l-minuri jiddeciedi li jmur jabita mal-esponenti allura dit-talba ghandha tkun michuda, u ghandha tkun l-attrici li tigi ordnata li thallas manteniment ghal-minuri bl-istess kundizzonijiet msemmija fit-talba taghha;

7. Dwar is-seba' talba din ghandha tigi michuda, tenut kont li hija l-attrici li ghandha tkun ordnata thallas manteniment u nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha tal-minuri, jekk huwa jigi jabita maghha u fin-nuqqas, l-esponenti jikkontendi li dan ghandu jikkunsidra l-paga li ghandu l-esponenti, u jigi likwidat tenut kont il-mezzi tieghu.

8. Dwar it-tmien talba, din ghandha tigi michuda, tenut kont li diga' hemm digriet li jirregola dan, li ser jigi kkontestat f'din il-kawza l-procedura appozita;

9. Dwar id-disa' talba, l-attrici trid tippova li jezistu l-estremi sabiex tintlaqa' din it-talba u certament li l-estensjoni ta' din it-talba versu l-familjari taghha ma ghandhiex tintlaqa' ghax is-sentenza, torbot biss lil partijiet, u ma jistax ikollha effett ergo omnes;

10. Dwar l-ghaxar talba, din ghandha tigi michuda ukoll u din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn

applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lil konvenut, rikonvezjonat u kif ukoll li titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs tal-akkwisti illi waqt iz-zwieg sar bil-hila tal-konvenut, u dana mid-data stabbilita minn din il-Qorti, bhala data meta l-attrici tat lok ghal dis-separazzjoni.

11. Dwar il-hdax it-talba l-esponenti jaqbel li ghandha tigi xolta terminata l-komunjoni tal-akkwisti, perit jirrileva li ftit li xejn hemm assi x' jigu likwidati;

12. Dwar it-tnax-il talba attrici ma kellha xejn qabel iz-zwieg u ma hemmx beni dotali u jew parafernali;

13. Dwar it-tlettax it-talba u l-erbatax u l-hmistax, u sittax, l-esponenti jirrimetti ruhu.

14. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

15. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli bil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat il-kontro talba ta' RC**, fejn espona bir-rispett u kkonferma li:-

1. Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro talba kontra l-attrici;
2. Illi l-partijiet izzewwgu fis-sena 2007 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' DC ta' 20 sena u li ma ghadux student u L C a ta' hdax-il sena.
3. Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet, impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohrqrija, theddid u adulterju fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonat;

4. Illi minhabba f' dan iz-zwieg bejn il-partijiet, tkisser irrimedjabbilment b' tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata;
5. Illi l-patijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn dil-Onorabbli Qorti ;

Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata l-ghalix ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghal ragunijiet fuq imsemmija li :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-parttijiet u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici rikonvejzonata kif fuq spjegat u tawtorizza rikonvenzjonat sabiex jghix separatament minn mal-attrici rikonvenzjonata;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil konvenut rikonvenzjonat;

3. Tordna li r-residenza tal-minuri L tkun mal-konvenut rikonvenzjonat;

4. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment ghall-istess minuri li ghandu jkun pagabbli mil-attrici rikonvenzjonata lill-konvenut rikonvenzjonat filwaqt li tordna tikkundanna lil istess attrici rikonvenzjonata sabiex ihallas lil konvenut rikonvenzjonat dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh taghha mil-impjieg jew xoghol li hija ghandha/jista' ikollha jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

5. Tiddikjara li l-attrici rikonvenjzonata ddekadiet minn kwalisiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-konvenut rikonvezjonat;

6. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata  l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 478 sa  52 tal-Kap.  16 tal-ligijiet ta’ Malta fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret lill-konvenut rikonvenzjonat.

7. Ixxolji jew tillikwida l-propjeta’ komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux neccesarjament  ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-attrici rikonvenzjonata u porzjoni lil konvenut rikonvezjonat ope sententiam.  Filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att pubbliku li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lil eventwali kontumacja fuq l-istess att.

8. Tikkundanna lill- attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonat l-beni kollha dotali u jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attrici rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannaha thallas  lil konvenut rikonvenzjonat dik s-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi , rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u jew parafernali sudetti.
9. Tordna lil attrici rikonvenzjonata sabiex tizgombra minn god-dar matrimonjali, tenut kont li din hija propjeta’ parafernali tal-konvenut rikonvenzjonat u tawtorizza lil esponenti sabiex ibiddel is-serratura tal-istess fond matrimonjali, u jabita fih esklussivament u f’kaz li tigi stabbilita r-residenza ordinarja tal-minuri ikun mieghu, jabita hemm flimkien mal-minuri  ad esklusjoni tal-attrici.
10. Salv talbiet ohra permessi skont il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-attrici rikonvenzjonata li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet kienu ltaqghu meta l-attrici kellha 14-il sena u l-konvenut kellu 18-il sena u ghal bidu r-relazzjoni taghhom kienet tajba u l-konvenut kien imur tajjeb mal-familja taghha. Meta l-attrici kellha 18-il sena kienet harget tqila. D twieled fit-8 ta' Gunju, 1999.

   L-attrici tispjega li l-problemi bejniethom bdew peress li l-konvenut kien it-tip li jekk ma kienx jaqbel mieghek kien jaghmel ix-xenati. Hu kien anke jakkuzaha li qed tikkontrollah.

   L-attrici tametti li kien hemm zmien qabel ma nqabdet tqila, li hi u l-konvenut kienu jaghmlu uzu mid-droga, izda malli saret taf li kienet tqila kienet waqqfet, izda wara li kellha lil D kellha suspetti li l-konvenut kien beda jabbuza minnha u fil-fatt kienet sabitu d-dar taghhom ma' habib tieghu jpejjpu l-haxixa. Kienu xtraw post taghhom f' San Pawl.

   Il-konvenut kien jitlaghlu malajr u kien jaqbad ikisser l-affarijiet u kien jibda joffendi l-attrici.

   L-attrici tkompli tispjega li l-problemi bdew jaggravaw meta kienu hadu l-hanut Bakery & Confectionery fl-2007 ir-Rabat. Il-konvenut kien kontinwament jaqla' l-kwistjonijiet ghax kien ighir ghaliha jekk kien

jaraha tkompli man-nies. Kien anke ighajjarha. F'dan iz-zmien, l-attrici kienet regghet harget tqila u dan wara li kienet korriet tlett darbiet u kienu anke zzewwgu f'Ottubru, 2007. It-tabib kien kontra li tkompli tahdem peress li kellha hafna korrimenti, izda l-konvenut ghamlilha hajjitha difficli. Kontra l-parir tat-tabib kienet marret tahdem. Kienet hadmet sal-lejl qabel ma welldet lil L, li kien twieled b'cesarja fis-7 ta' Frar, 2008.

Kien jippretendi li tinzel il-hanut anke jekk minhabba l-operazzjoni ma setghetx issuq jew terfa' ghal sitt gimghat.

Kien sar iktar pussessiv u ghajjur, tant li spiccat tilbes dak li riedha tilbes, kollox twil u jghatti kollox. Spiccat li biex tmur tghum lanqas setghet tilbes malja jew bikini. Kien jiffissa li kienet f'relazzjoni ma' haddiehor. Ma kienx ihalliha tmur xi party jew tieg minn naha tal-familja tieghu, lanqas ghar-riunjoni tal-iskola taghha ma halliha tmur.

L-attrici tistqarr li hajjitha kienet tiddependi jekk il-konvenut kienx qed ibati minn burdata hazina jew le.

L-ahhar sentejn taz-zwieg taghhom, tghid li r-relazzjoni bejniethom aggravat. Bdew meta kienu festin tax-xoghol tal-konvenut u kien siker sew u kienet telqet mid-dar wara li ggieldu. Beda jheddidha iktar u ffissa li l-familja taghha kienu qed ighawwuha kontrih.

Il-possessivita' pero' baqqghet l-ikbar problema li kellhom u l-vjolenza domestika. Wara li kienet rat programm ta' Xarabank fuq il-vjolenza domestika, kienet cemplet il-179 sabiex titlob l-ghajnuna u wara li bdiet issegwi l-parir taghhom u ma riditx tkun intima mieghu, kien beda jheddidha li ma jtihx flus.

F'dan il-perjodu kienet telqet mid-dar matrimonjali ghal darb'ohra. Minhabba xenata kbira li kien ghamel il-konvenut kienet marret lura, imma

mbaghad beda jsir iktar vjolenti u l-attrici ssemmi diversi incidenti fejn hebb ghaliha jew kien hemm theddid u abbuz kbir.

L-iktar incident li beda jwassalha sabiex titlaq hi meta beda jghidilha li kien qed ikollu l-hsibijiet u lehen ighidlu sabiex joqtolha. Kienet bdiet tippakkja l-affarijiet ghaliex is-social worker Mireille kienet qaltlilha li kien hemm kamra f'Dar Merhba Bik.

Peress li kienet qed tevita li torqod mieghu ma kienx qed ighaddilha flus u ghalhekk lanqas kellha bizzejjed flus sabiex tixtri x'tiekol.

Fl-1 ta' Dicembru, 2018, kienu qed jaraw jekk setghux jirrangaw l-affarijiet, izda l-konvenut ried jirranga kollox kif qabilu u l-attrici m'accettatx. Kien dak il-hin li riedha titlaq mid-dar u nqala' argument kbir bejniethom tant li l-konvenut dahhalha go vetrina u l-hgiega kienet dahhlitha fil-polz. Spiccat li minn hemm marret il-polyklinik peress li kien hiereg hafna demm u kienet anke marret taghmel rapport l-ghassa. Minn hemm marret ix-xelter ukoll mat-tifel iz-zghir.

Kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut u spicca l-habs.

**KURA U KUSTODJA**

L li twieled fis-7 ta' Frar, 2008 huwa minorenni, filwaqt li D huwa maggorenni. L-attrici tghid li kienet hi biss li hadet hsieb li trabbi lil Liam. Tinsisti minhabba li l-konvenut huwa vjolenti u peress li hareg ordni ta' trazzin ma jistghux jikkomunikaw bejniethom. Tghid ukoll li bdiet issib hafna problemi ghax il-konvenut ma kienx irid jiffirma affarijiet relatati

mat-tifel, bhal meta rrifjuta li jiffirmalu biex isiefer mal-klabb tal-futbol u dan wara li kien wieghdu.

Tispjega li wara l-glied li kien ra t-tifel, kien qed ikollha problemi b'L ghax ma kienx irid imur skola, izda s-sitwazzjoni issa qalbet ghall-ahjar. Kien ghamel zmien ukoll ikun possessiv fuqha bhall-konvenut, izda mbaghad kienet waqfitlu u bid-dixxiplina kien waqaf jirreagixxi hekk.

It-tifel kien ukoll ghamel xi zmien jara lil missieru u meta kien jirritorna lura kien ikun irrabbjat. Kemm il-darba ppruvat tikkonvincih imorru biex jitkellmu ma' psikologu, izda qatt ma kien irid imur. Kienet tipprova tghin Kay mix-xelter, izda mar ghandha darba biss. L-attrici tghid li fl-ahhar halliet f'idejn L jekk riedx jiltaqa' ma' missieru, ghax waqt l-access qalilha li l-konvenut il-hin kollu jghid kontriha. Kien fil-fatt waqaf imur, izda l-konvenut kien icempillu jew jibghatlu l-messaggi. Imma minhabba dan l-impatt fuq it-tifel, ikun ahjar skond l-attrici li ma jmurx ighix ma' missieru. Recentement ukoll tghid li l-konvenut tella' ritratt tieghu fuq Facebook bil-joint f'idejh.

**MANTENIMENT**

Minn meta l-attrici telqet mid-dar fl-1 ta' Dicembru, 2018, il-konvenut qatt ma hallas manteniment. Eventwalment kien gie ordnat mill-Qorti li l-konvenut ghandu jhallas €400 ghall-minuri, izda dan qatt ma hallashom. Tikkonferma li ghamlet diversi rapporti u nhareg mandat ta' arrest kontra l-konvenut.

Tipsjega ukoll li hi ma tantx ghandha flus sabiex tmantni lil uliedha. Ippruvat li taqta' l-manteniment mill-paga tal-konvenut, izda kien ibiddel

ix-xoghol kontinwament u anke ma jirregistrax ghax-xoghol u ghalhekk kien difficli ghaliha.

L-attrici tispjega li ghandha hafna spejjes tat-tifel, tal-iskola, tal-futbol u peress li tiehu hsiebu lanqas ma tista' tahdem kif trid. Tahdem bhala cleaner mal-iskola ta' Sacred Heart u taqla' cirka €800 fix-xahar. Bdiet tahdem biss fl-1 ta' Lulju, 2019.

L-attrici qed tinsisti li l-konvenut ihallas €400 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, kif ukoll l-arretrati ta' manteniment kollha.

**DAR MATRIMONJALI**

Id-dar matrimonjali Blk T, Flat 8, Triq i-Gizimin, Imtarfa, inxtrat mill-konvenut u baqa' jhallas il-loan mal-HSBC Bank. L-attrici qed tippretendi li tithallas nofs l-hlasijiet li saru fuq il-loan.

Hemm ukoll life insurance fuq id-dar f'isem il-konvenut.

L-attrici ssemmi diversi spejjes li kienu ghamlu fil-post u mobbli li xtraw, izda dawn kien kissirhom il-konvenut. Kienu xtraw ukoll kamra tas-sodda tat-tifel second hand ghall-valur ta' €1,700, kif ukoll kcina second hand u kienu hargu l-flus minghand l-omm u z-zija ghall-valur ta' €1, 200.

Illum saret taf minghand it-tfal li l-konvenut ghamel hafna tibdiliet fid-dar.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Fiz-zwieg kienet xtrat Passat li llum tinstab fil-garaxx u l-licenji ilhom ma jithallsu ghal tlett snin.

Tghid li l-konvenut ghandu tlett muturi f'ismu li xtara qabel iz-zwieg u jinstabu fil-garaxx t'ommha u ghandhom il-licenzji b'lura.

Tghid li fil-pussess tieghu, il-konvenut ghandu zewg muturi u kien xtrahom second hand. Kien ha xi flus mill-kont tat-tifel u l-kumplament thallsu b'pagamenti fix-xahar minghand Gordon Motor Centre.

2. Spettur Matthew Galea pprezenta hames rapporti li saru. [1] Jispjega li hu kien Ufficjal Prosekutur fil-kawzi sussegwenti ghar-rapport fid-dokument MG 1, fejn il-Magistrata Dr.Donatella Frendo Dimech wahhlitu 15-il xahar priigunerija, liema sentenza giet appellata.

   Ipprezenta ukoll il-fedina penali tal-konvenut.[2]

   Jikkonferma li hafna mill-problemi li waslu sabiex l-attrici tirrapporta kienu relatati mal-fatt li l-attrici ma kinitx qed tircievi minghand il-konvenut u kien inkoraggiha hu stess sabiex tirrapporta.

3. Yvonne Fiorini Lowell li kienet tahdem l-Ghabex tghid li dak iz-zmien li kienet dahlet l-attrici ma kinitx hemm ghadha ghax kienet bdiet tahdem f'Novembru, 2019. Mill-file rrizulta li l-attrici kienet dahlet l-Ghabex wara li allegatament l-konvenut kien imbutaghha u kienet baqghet diehla gewwa vetrina tal-hgieg, fejn il-hgieg baqa' diehel go idha. Tghid li l-attrici kienet infurmathom li kienet ilha ssofri vjolenza domestika, kemm sesswalment, emozzjonalment u fizikament.

   Ikkonfermat ukoll li l-attrici damet ix-xelter sa April, 2019 u kienet mat-tifel taghha L.

[1] Docs MG 1 – MG 6.
[2] Dok. MG 7

4. Kay Gauci, Fondazzjoni Sebh, Dar Qalb ta' Gesu' fejn tahdem bhala social worker fix-xelter. Tghid li l-attrici kienet marret ghandhom fis-16 ta' April, 2019 u kienu baqghu flimkien sa Jannar, 2020.

   Ikkonfermat li l-attrici kienet damet ma fethet qalbha maghha, izda mbaghad bdiet titkellem dwar l-incident li kellha f'Dicembru, 2018. Izid tghid li l-attrici kienet qaltilha li tul l-ghoxrin sena zwieg il-konvenut kien izomm hafna kontroll fuqha u kien jheddiha in kontinwazzjoni u kien possessiv u dominanti, apparti li kien anke ghajjur. Dwar vjolenza domestika in kontro-ezami tghid li  l-attrici semmiet dan l-incident u iktar kien hemm vjolenza emozzjonali u psikologika. Kien hemm incident iehor fejn weghhat ma' vit li kien f'bieb wara li mbutaghha.

   Tghid ukoll li skond l-attrici, il-konvenut kien qata' kull kuntatt fiziku mat-tifel Liam u li kienu jikkomunikaw permezz ta' messaggi.

   Dwar it-tifel L tghid li l-komportament tieghu fix-xelter kien wiehed difficli, peress li kien ikollu t-tantrums u ma kienx irid imur skola u jibda jghajjat u jsabbat. Kien konfuz fuq ir-relazzjoni tieghu ma' missieru. Gieli ried jarah u gieli le. Kien isib sapport f'huh li ma kienx pero' jghix fix-xelter. Ippruvaw ighinuh u jtuh terapija pero' ma riedx, izda maz-zmien kien beda jafdaha iktar.

   Tispjega li l-attrici ma kinitx tirraporta lill-konvenut regolarment u dan minhabba li kienet tibza. Kienet anke qaltilha li kellhom problema ta' eroina meta kienu izghar u mbaghad kienu ghamlu programm ta' riabilitazzjoni u gew clean, pero' l-konvenut kien baqa' jaghmel uzu mill-haxixa.

5. Doris Vella Cassia in rapprezentanza tal-Isptar Mater Dei pprezentat l-file mediku tal-attrici.[3]

6. Abigail Mifsud, ghan-nom tal-Agenzija Appogg ipprezentat rapport li nkiteb minn Mireille Zammit. Tispjega li wara kien hemm xi zviluppi u kienet hadet hsieb Moira Catania.[4] Meta hadet over Moira Catania, l-attrici u binha L telqu mix-xelter u l-attrici riedet tapplika sabiex iggib il-licenzja sabiex isuq il-coaches, kif ukoll kors sabiex iggib il-licenzja ta' security guard. Catania ghenitha biex iggib ghajnuna finanzjarja peress li l-konvenut qatt ma kien deher lejn ix-xelter u ma kienx qed ighaddilha manteniment. Kienet applikatilha mal-Fidem Charity Foundation, kif ukoll mac-Childrens Dreams sabiex tkun tista' thallas dawn il-korsijiet, kif ukoll biex tixtri l-uniformijiet tat-tifel.

   Ix-xhud tikkonferma li ma kellhiex kuntatt dirett mal-attrici, izda qed tixhed mill-informazzjoni li tawha l-kollegi taghha.

7. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment history tal-konvenut.[5] Ipprezenta ukoll ir-registration history tieghu.[6] L-istess ghamel ghall-attrici.[7]

8. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni dwar il-beneficcji li jircievu l-partijiet.[8]

---

[3] Dok. DVC 1
[4] DoK. AM 1
[5] Dok. JS 1
[66] Dok JS 2
[7] Dok. JS 3 u 4

[8] Nota pprezentata fit-22 ta' Marzu, 2021

9. Dr. Daphne Mallia, in rapprezentanza ta' Mapfre MSV Life tikkonferma li tahdem fil-Compliance Unit tal-istess socjeta' u kkonfermat li hadd mill-partijiet ma kellu polza ta' assikurazzjoni mal-istess socjeta'.

10. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta, ikkonferma li l-attrici ghandha vettura wahda rregistrata fuq isimha[9] u qabel kellha vettura ohra rregistrata.[10]

Dwar il-konvenut ghandu erba' vetturi (wahda skrappjata).[11] Qabel kellu hames vetturi.[12]

11. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerki li ghamlet irrizulta li l-konvenut kellu zewg kontijiet:-

i) Savings account li ghadu miftuh[13]
ii) Loan account illum maghluq[14]

F'isem l-attrici rrizultaw seba' kontijiet:-

i) Savings account li ghadu miftuh;[15]
ii) Term deposit illum maghluq;[16]
iii) Term deposit llum maghluq;[17]
iv) Savings account ghadu miftuh;[18]
v) Term deposit illum maghluq;[19]

---

[9] Annex 1 ma' DOk, TM 1
[10] Annex 2 ma' Dok. TM 2
[11] Annex 3 ma' DOk. TM 3

[12] Annex 4 ma' Dok. TM 4
[13] Dok. JB 1
[14] Dok. JB 2
[15] Dok. JB 3
[16] Dok. JB 4
[17] Dok. JB 5
[18] Dok. JB 6
[19] Dok. JB 7

vi) Savings account li ghadu miftuh;[20]

vii) Savings account li ghadu miftuh;[21]

12. Lorraine Attard, in rapprezentanza tal-HSBC Bank plc. ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet kienet sabet is-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut:-

i) Savings account li ghadu miftuh;[22]

ii) Loan account illum maghluq;[23]

iii) Loann account illum maghluq;[24]

iv) Current account illum  maghluq;[25]

v) Home loan account li ghadu miftuh.[26]

13. Dr. Louis Bianchi, in rapprezentanza ta' GasanMamo Insurance Limited kkonferma li bejn is-snin 2007 u 2019, il-konvenut kien assikura tlett muturi mas-socjeta' taghhom u dawn kienu Yamaha Nru. FAL 863, Honda Hornet b'registrazzjoni numru FBV 262 u din kienet gie inxurjata f'zewg perjodi differenti.

Yamaha XT 660 b'registrazzjoni numru ACI 562.

Ighid ukoll li tul iz-zmien il-premiums li thallsu mill-konvenut fuq dawn il-muturi kienu jammontaw ghal €539.96.

---

[20] Dok. JB 8
[21] Dok JB 9
[22] Dok. LA 1
[23] Dok. LA 2
[24] Dok. LA 3
[25] Dok. LA 4
[26] Dok. LA 5

14. Ruben Bonnici, in rapprezentanza ta' ARMS ipprezenta l-kontijiet fuq il-fond Block D, Flat 8, triq il-Gizmin, Mtarfa minn Novembru, 2018.[27] Ipprezenta ukoll prospett fuq kull kont li nhareg.[28]

    Esebixxa ukoll l-estratti tal-pagamenti.[29]

15. Glenn Magro, in rapprezentanza tal-HSBC Life plc. ikkonferma li l-konvenut kellu polza maghhom bejn April, 2000 u dina nghalqet fit-22 ta' Dicembru, 2010 peress li l-konvenut naqas li jhallas il-premiums, li kienu jithallsu mill-kont tieghu.[30]

    Il-polza kellha biss protection policy marbuta ma' home loan ma' HSBC jew HSBC securities.

16. Franklin Calleja, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Kriminali pprezenta sentenza li kien hemm kontra l-konvenut, il-Qorti tal-Magistrati kumpilazzjoni numru 89/19 tat-13 ta' Marzu, 2021. Hemm appell pendenti.[31]

## **<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

## **<u>RESPONSABBILITA'</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-***

[27] Dok. RB 1
[28] Dok. RB 2
[29] Dok. RB 3
[30] Dok. GM 1
[31] Dok. FC1

***pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u***

***ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti

bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[32]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[33]

---

[32] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003

[33] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Il-partijiet qedghin jitlobu rispettivament is-separazzjoni miz-zwieg taghhom u rispettivament qed jippuntaw il-htija tat-tifrik taz-zwieg lil xulxin. L-attrici tattribwixxi l-htija lill-konvenut minhabba vjolenza, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi.

Il-konvenut fil-kontro-talba qed jitlob lil dina l-Qorti tiddikjara lill-attrici responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan minhabba sevizzi, mohqrija, theddid u adulterju.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut naqas li jipproduci provi u ghalhekk se tillimita ruhha fuq il-provi migjuba mill-attrici.

Ir-relazzjoni taghhom bdiet meta kienu ghadhom zghar u minn dejjem kienet wahda difficli. L-attrici kkonfermat li dak iz-zmien kienu jabbuzaw mid-droga, izda tametti li malli saret taf li kienet harget tqila, kienet iddecidiet li taghmel riabilitazzjoni u waqfet. Il-konvenut ghazel li ma jieqafx u fiz-zwieg skopriet kien ghadu qed jaghmel uzu mill-haxixa.

L-attrici tiddeskrivi l-hajja mizzewwa taghha bhala wahda kkontrollata u soffokanti bil-possessivita', dominanza u anke l-ghira tal-konvenut. L-attrici giet impeduta mili tilbes li trid u kien ikollha tilbes dejjem bit-twil u li gisimha kollha kellu jkun mghotti. Kienet illimitata anke biex tuza' t-telefon, ghax il-konvenut kien irid jikkontrolla kollox. L-attrici tirrileva li mbaghad il-konvenut kien tip ta' persuna li kien jaghmel xenata jekk ma kinitx tghaddi tieghu.

Apparti l-problemi tal-possessivita', l-attrici xehdet li kienet assoggettata ghal hafna theddid da parti tal-konvenut u kienet tibza' minnu, tant hu hekk li kienet damet hafna ma hadet decizjoni li tirrapportah. Kienet tibza' li

jwegga’ lill-familja taghha, ghax meta kienu jiggieldu kien iheddidha b’hekk.

Il-problemi aggravaw meta kienu bdew jiggestixxu l-confectionery, ir-Rabat. Il-konvenut kien jirrabbja jekk l-attrici kienet tkompli mal-klijenti u kien iridha toqghod wahedha u tiggestixxi l-hanut kif irid hu.

Jidher car li l-attrici kienet “in denial” ghal certu zmien bl-abbuz li kienet qed tigi assoggettata ghalih, l-iktar b’mod emozzjonali u psikologiku. Dan tesprimih hi stess, meta tghid li bdiet tifhem il-periklu li fih kienet qed tghix meta rat il-programm ta’ Xarabank li kien qed jittratta l-vjolenza domestika. Ghalkemm kien hawn li hadet l-ewwel pass sabiex iccempel ghall-ghajnuna, il-biza’ hakkmitha u ma kinitx pronta li tmur gewwa xelter.

Kien biss meta wara diversi incidenti u argumenti, li sehh incident serju, fejn il-partijiet kienu ggieldu u l-attrici spiccat waqqghet go vetrina tal-hgieg, wara li l-konvenut kien imbutahha. Dan wassal li l-attrici kellha tigi operata peress li l-hgieg kien dahal f’idha. Dan l-incident huwa kkorroborat kemm minn ulied il-partijiet, ir-rapprezentanti tal-Ghabex, fejn l-attrici kienet marret mal-minuri L il-pulizija li kkonfermaw li kien sar rapport mill-attrici u anke gie prodott il-file mediku tal-attrici, fejn hemm ikkonfermat li sar intervent mediku fuq l-attrici sabiex jitnehha l-hgieg minn idha.

Fuq dan l-incident, ittiehdu proceduri kriminali u l-konvenut wehel hmistax-il xahar prigunerija u anke wara dan l-attrici pproduciet diversi messaggi li baghat il-konvenut lil uliedu fejn baqa’ jhedded lill-attrici.

Huwa minnu ukoll li l-attrici kkonfermat li episodji ta' vjolenza fizika ma kinux hafna, pero' vjolenza emozzjonali u psikologika kienu abundanti. Ressqet diversi ritratti li jikkonfermaw it-tezi taghha li l-konvenut kien kontinwament ikisser l-affarijiet id-dar fil-mumenti ta' rabja li kienu ta' spiss u dejjem minhabba xi kwistjoni ta' ghira jew possessivita' tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

Ghaldaqstant, jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex dina l-Qorti tawtorizza s-separazzjoni bejn il-konjugi C u dan unikament minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u anke vjolenza.

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

It-tifel minuri L ghandu tlettax-il sena u l-attrici tghid li prattikament rabbiet it-tifel wahedha. Il-konvenut qatt ma kien hemm ghalih u li esperjenza kien biss theddid, tkissir, ghajjat u vjolenza. Tfakkar li kien prezenti meta sehh l-incident tal-vetrina.

Mill-provi jirrizulta li l-minuri bata hafna minn dak li soffrew taht idejn il-konvenut, tant hu hekk, li meta l-konvenut telaq, L beda jirreagixxi l-istess bhalu mal-attrici, tant li kellha tieqaflu. Il-problemi ma waqfux hawn. Kien ikun difficli biex jattendi l-iskola u kif xehdet Kay Gauci ippruvaw joffrulu ghajnuna, anke psikologika, izda ma riedx jikkoopera ghall-bidu. Maz-zmien beda iktar jafdaha.

L-attrici tinsisti li l-konvenut ma jistax jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri u dan peress li m'ghandux suggizzjoni li qed jabbuza mid-droga u dan meta bla ebda misthija pogga ritratti tieghu fuq Facebook ipejjep *joint*.

Mill-provi jirrizulta li l-minuri L kien konfuz jekk riedx jara lil missieru jew le. Jekk kien imur jarah, l-attrici stqarret li kien jigi rrabjat u ma ngabux provi sabiex jirribattu dak li ssostni l-attrici. Inoltre, minhabba l-incertezzi tal-minuri, il-konvenut ghazel li ma jiltaqax mal-minuri L, izda bdew jikkomunikaw bejniethom tramite messaggi.

Jirrizulta ghalhekk, li c-cirkostanzi u r-relazzjoni bejn Liam u l-konvenut mhumiex stabbli u hemm problemi serji li biex ifiqu hemm bzonn tal-hin u terapija sew, Mir-rizultanzi processwali ma jidhirx li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jigi fdat fil-kura u kustodja tal-konvenut u dan minhabba l-effett li l-istess konvenut ihalli fuqu, kif ukoll li l-istess konvenut ma jafx jiddistakka mit-tfal ir-rabja u theddid tieghu lejn l-attrici.

Sadanittant, dina l-Qorti qiedgha tinnomina lil Carmen Sammut bhala terapista sabiex issir terapija bl-iskop li terga' tinbena relazzjoni bejn il-konvenut u l-minuri L, fejn wara ghandhom jigu rapportati lil dina l-Qorti, ir-rakkomandazzjonijiet fl-ahjar interess tal-minuri u dan fi zmien massimu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza.

**MANTENIMENT**

**Minuri**

Illi skond digriet tat-13 ta' Marzu, 2019, il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment fis-somma ta' €400 ghall-minuri, liema ammont kellu jinkludi l-ispejjez kollha tal-minuri.

L-attrici rrilevat li qed tippretendi hlas ta' arretrati ta' manteniment peress li l-konvenut naqas milli jhallas il-manteniment mid-data tad-digriet sal-lum.

L-attrici pprezentat provi fejn fi stqarrija li l-konvenut ghamel mal-pulizija, ammetta li ma riedx ihallas manteniment peress li ma kienx qed jara lit-tifel. Ammetta ukoll li kellu problema biex ihallas manteniment ghall-attrici.

Hemm qbil li l-konvenut jahdem ma' Sacred Heart Bakery u ghandu paga ta' cirka €780 fix-xahar. L-attrici da parti taghha tirribatti dan peress li takkuza lill-konvenut li dejjem kien jiddikjara anqas milli verament jaqla'. Fil-fatt tispecifika li meta kienu ghadhom flimkien, il-konvenut kien jahdem mal-familja tieghu, izda l-imghallem ta' Sacred Heart Bakery kien offrilu biex imur jahdem maghhom b'paga ikbar milli kien jaqla'  li dak iz-zmien kienu €2,000.

L-attrici ziedet tghid ukoll li ttentat takkwista ordni mill-Qorti sabiex il-manteniment jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut, izda sfortunatament, il-konvenut beda jbiddel hafna impjiegi u b'hekk l-attrici ma setghetx tikkontrolla u tenforza d-drittijiet taghha.

Da parti taghha, l-attrici stqarret li kienet sabet impjieg bhala cleaner, b'paga ta' cirka €800 fix-xahar.

L-attrici ressqet provi dwar l-ispejjes kollha li ghandha biex trabbi lit-tifel u dawn ma gewx ikkontestati mill-konvenut u l-istess attrici qed tikkonferma li ghandha bzonn li jithallas mensilment l-ammont ta' manteniment kif ikkonfermat bid-digriet tal-Qorti datat 13 ta' Marzu, 2019 u cioe' l-ammont ta' €400 fix-xahar.

Mid-diversi rikorsi u risposti li gewipprezentati fil-mori tal-kawza l-attrici mhux qed tinsisti ghall-manteniment ghaliha, partikolarment peress li llum tahdem, ghalkemm il-paga taghha mhix wahda sostanzjali,

Saviour Theuma, in rappprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta d-diversi beneficcji socjali li kienu jew ghadhom jircievu l-partijiet. Jirrizulta inekwivokabbilment li l-konvenut mis-sena 2020 m'ghadux jircievi beneficcji socjali minhabba dizokkupazzjoni u ghalhekk dina l-Qorti ghandha tassumi li dan huwa minhabba li llum ghandu impjieg fiss, li hu stess wara kollox jametti.

L-attrici ukoll tircievi ftit beneficcji, apparti c-children's allowance li flimkien jammontaw ghal cirka €1,000 fis-sena,

**Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' €400 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri u dan ghandu jinkludi fih l-ispejjes edukattivi u tas-sahha**. Dawn ghandhom jithallsu permezz ta' standing order f'kont bankarju indikat mill-attrici.

Dan l-ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifel jibda jahdem jew jaghlaq 18-il sena jew jekk ikompli jistudja fuq bazi full-time, sakemm jaghlaq 23 sena.

Il-konvenut ukoll ghandu jhallas l-arretrati ta' manteniment, mid-data tad-digriet u cioe' mit-13 ta' Marzu, 2019 sad-data tas-sentenza.

Tenut kont li l-attrici llum taqla' l-introjtu taghha m'ghandux ikun hemm hlas ta' manteniment ghaliha.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

### Vetturi

Il-partijiet kellhom diversi vetturi fiz-zwieg. L-attrici kienet xtrat VW Passat b'numru ta' registrazzjoni CBW 738 u dina ghandha tigi assenjata lilha u jekk kemm il-darba hemm xi licenzji mhux imhallsa dawn ghandhom jigu mhallsa minnha.

Mir-rizultanzi processwali rrizulta li l-konvenut kellu zewg muturi li llum huma skrappjati u cioe' Yamaha b'numru ta' registrazzjoni FAL 863 u Honda Hornet b'numru ta' registrazzjoni FBV 262. [34]

Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut ghad ghandu fil-pussess tieghu Hyundai Accent b'numru ta' registrazzjoni MAS 089 u Yamaha XT 660R, liema vetturi nxtraw fiz-zwieg.

Filwaqt li l-konvenut ghandu jigi assenjat il-vettura Hyundai Accent b'numru ta' registrazzjoni MAS 089, ghandha ssir valutazzjoni tal-mutur Yamaha XT 660R minn perit tekniku Prokuratur Legali Quentin Tanti nominat minn dina l-Qorti, u nofs l-istess valur ghandu jigi assenjat lill-attrici.

Kwalsiasi licenzji fuq l-istess vetturi li mhumiex mhallsa ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Kontijiet bankarji**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom diversi kontijiet bankarji f'isimhom u kull kont li jghajjat lil wiehed mill-partijiet ghandu jinzamm minnu.

**Kontijiet ARMS**

[34] Dok. TM 4

Ruben Bonnici, in rapprezentanza ta' ARMS ikkonferma li kien hemm kont pendenti b'bilanc ta' €846.79 u dan sal-24 ta' Awissu, 2021.[35] Jirrizulta li ftit pagamenti kienu qed isiru mill-konvenut.

Huwa l-konvenut li qed jaghmel uzu mid-dar matrimonjali u ghalhekk huwa inkoncepibbli li ghandha thallas jew taqsam dawn l-ispejjes l-attrici. Ghaldaqstant, dina l-Qorti tordna li dan id-dejn fil-konfront tal-ARMS ghandu jigi ssopportat mill-konvenut.

## DAR MATRIMONJALI

Id-dar matrimonjali Blk T, Flat 8, Triq i-Gizimin, Imtarfa, inxtrat mill-konvenut u baqa' jhallas il-loan mal-HSBC Bank. Fuq dan m'hemmx kontestazzjoni, tant hu hekk li l-attrici qed tippretendi li tithallas nofs l-hlasijiet li saru fuq il-loan.

Tenut kont tal-fatt li l-konvenut qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg u tenut kont tal-fatt li l-attrici kellha ssib rifugju gewwa xelter, ikun gust li l-attrici tinghata sehem min-nofs il-loan li thallas mill-konvenut miz-zwieg u cioe' minn Ottubru, 2007 sad-data li nfethet il-kawza u cioe' l-20 ta' Dicembru, 2019.

Kwalsiasi dejn iehor fuq l-istess fond ghandhom jibqghu jithallsu milll-konvenut.

## DECIDE

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

[35] Dok. RB 1

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghas-separazzjoni minhabba vjolenza, eccessi, minacci, theddid u offizi gravi.

2. Tichad t-tieni talba attrici

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici u tordna l-hlas ta’ manteniment skond kif mfisser aktar qabel.

7. Tilqa’ s-seba’ talba attici skond kif gie mfisser iktar ‘l fuq.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici.

9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici.

11. Tilqa’ l-hdax-il talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq mfisser.

**12.** Tilqa’ t-tnax-il talba attrici fejn hu applikabbli u tordna lill-konvenut jirrifondi lura lill-attrici s-somma ta’€1,200 ghall-kcina ‘second hand’, fejn hargu l-flus l-omm u z-zija tal-attrici.

**13.** Tilqa’ t-tlettax-il talba attrici sa fejn applikabbli.

**14.** Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-talba stante li diga' gew ipprezentati.

**15.** Tilqa' l-hmistax-il talba attrici.

**16.** Tilqa' s-sittax il-talba attrici.

**<u>KONTRO-TALBA</u>**

Tichad il-kontro-talbiet kollha, ghajr ghas-seba' kontro-talba u tilqaghha in parte stante li din tirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony Vella** **Registratur**